# Introduzzjoni għall-mediċini

**Indiċi**


- 1 L-użu tal-mediċini
- 2 Riżorsi addizzjonali


F'termini sempliċi mediċina hija definita bħala sustanza li tista' tintuża għat-trattament jew il-prevenzjoni tal-mard. Storikament, ħafna mediċini kienu jiġu magħmula minn prodotti naturali. L-avvanzi li saru fl-aħħar żewġ sekli wasslu għall-introduzzjoni ta' mediċini kimiċi magħmulin mill-bniedem, mediċini li jkun fihom sustanza attiva jew aktar minn waħda magħmulin jew imnisslin minn sorsi bijoloġiċi (*biologics*) u terapiji ġenetiċi (teknika sperimentali li tuża l-ġeni għat-trattament jew il-prevenzjoni tal-mard). Apparti minn dan, numru ta' teknoloġiji ġodda komplew iżidu mal-alternattivi li jeżistu llum. Fost dawn insibu l-inġinerija tat-tessut (*tissue engineering*), li tagħmel użu minn ċelluli ħajjin biex tfejjaq tessut jew organi; u n-nanomediċina li hija dik il-mediċina li tagħmel użu mit-teknoloġija fuq skala atomika jew molekulari. Din it-tip ta' mediċina tuża nanopartiċelli – partiċelli żgħar ħafna (*'nano' particles*) – f'għadd ta' aspetti tal-kura tas-saħħa.

## L-użu tal-mediċini

L-ewwel pass fl-użu tal-mediċina hu biex din tiġi amministrata lill-ġisem.

Mediċini jistgħu jiġu amministrati b'diversi metodi, fosthom injezzjonijiet, pilloli, fil-forma ta' ingwent, *spray* jew qtar. Mediċini orali jgħaddu mill-istonku, l-imsaren u l-fwied qabel ma jidħlu fin-nixxiegħa tad-demm fil-ġisem (*bloodstream*). Ħafna injezzjonijiet, *sprays* u qtar ma jgħaddux mis-sistema diġestiva u mill-fwied, imma biex jidħlu fid-demm iridu jgħaddu minn mar-rita taċ-ċelluli. Injezzjonijiet ġol-vini jwasslu l-mediċina direttament fid-demm.




**Kif jiġu amministrati l-mediċini**
Mediċina tista' tidħol fil-ġisem u, aktar importanti, fin-nixxiegħa tad-demm fil-ġisem, b'varjetà ta' metodi differenti: mill-ħalq, ġol-vini, jew billi tinġibed man-nifs 'il ġewwa.

Ladarba tkun daħlet fid-demm, il-mediċina tinfirex mal-ġisem u għandha ssib triqitha lejn l-organi u ċ-ċelluli fejn tkun meħtieġa.

L-istadju finali hu t-tqassim tas-sustanza mediċinali mill-fwied. Il-mediċini jitwasslu fil-fwied mid-demm. Hemmhekk, eventwalment jitkissru f'molekuli li jkunu jistgħu jitneħħew mill-ġisem. Ħafna mill-mediċini li jinħallu fl-ilma joħorġu mill-ġisem mal-awrina, oħrajn jiġu eliminati mal-ippurgar.

A2-1.06.1-V1.1